MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2015

Talba Numru. 682/2014

**Marsa Steel Company Limited (C3802)**

**vs**

**Jesmond Chetcuti (K.I.:-231863M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz prezentat mis-Socjeta' attrici datat 26 ta' Settembru, 2014 fejn eccepixxiet:

1. Illi s-Socjeta' esponenti wettqet xoghol t'appalt (*scaffolding*) gewwa tas-Sliema fuq inkarigu tal-intimat kif jirrizulta mill-fattura annessa u mmarkata 'Dok A';

2. Illi sallum l-intimat huwa debitur tal-esponenti fis-somma ta' elf u hamsa u tmenin Ewro u tlieta u disghin centezmu (€1,085.93c);

3. Illi ghad li nterpellat anke ufficjalment, l-intimat baqa' moruz,

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob li l-intimat jigi kkundannat ihallas s-somma ta' elf u hamsa u tmenin Ewro u tlieta u disghin centezmu (€1,085.93c), bl-imghax kummercjali skont il-ligi u bl-ispejjez inkluz tal-ittra ufficjali 916/2014 (Dok B) u bil-mandat ta' sekwestru 1005/2014 kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-Subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 06 ta' Novembru, 2014 fejn eccepixxa:

1. Illi x-xoghol maghmul mill-attur ma sarx skont il-ftehim tal-partijiet u l-istruzzjonijiet tal-intimat u ghalhekk l-ammont reklamat mill-attur mhux dovut;

2. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' dan l-avviz.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur ngunt in subizzjoni.

Ra l-avviz;

Ra r-risposta;

Ra d-dokumenti u l-atti kollha tal-process;

Ra l-verbal li bih thalliet illum ghas-sentenza.

Din it-talba tittratta talba ghall-hlas ghall-uzu ta' *scaffolding* f' Tas-Sliema. Skont Micahel Said in rapprezentanza tas-Socjeta` attrici kienet giet inkarigata biex tarma *scaffolding* f 'zewg siti f'Tas-Sliema, liema siti kienu faccata ta' xulxin. Kien hemm Sit 'A' u Sit 'B'. Il-ftehim kien verbali u l-inkargu kien gie minghand Chetcuti li ried li jarmaw l-ewwel fuq is-Sit 'B'. Kien hemm hames mitt Ewro (€500) depozitu mhallas. Kien hemm bzonn ta' certifikat mill-Inginier li kien jiswa mitt Ewro (€100) ghall-Kunsill Lokali. Iddikjara illi f'site 'B' il-kuntrattur zamm l-i*scaffolding* u iddepozitah fl-ewwel sular. Eventwalment il-kuntrat tur beda juza l-i*scaffolding* biex jibda jahdem fuq is-sulari ta' fuq. Is-Socjeta' attrici ghalhekk tippretendi l-hlas tal-kera biss ta' dan l-uzu. Meta pprezentalu l-kont ma riedx ihallas seba' mija u hamsin Ewro (€750) tas-*site* l-iehor u lanqas il-kiri ta' *scaffolding* li l-bennejja kienu uzaw u lanqas tac-certifikati ta' l-Inginiera. Huwa accetta pero` li ghandu jhallas biss mitejn u hamsin ewro (€250), ghalkemm sallum ghadhom ma thallsux.

Il-konvenut qal li l-ftehim kien li kellu issir suspended scaffolding. U li kellu jhallas elf u hames mitt Ewro (€1,500). Illi l-problemi bdew meta kellhom jarmaw is-sit l-iehor, l-i*scaffolding* ma kienx *suspended* kif kienu ftehmu. Kien baqa' mal-art mhux kif ftehmu. Infatti ghalhekk kien hemm bzonn ta' permess minghand il-Kunsill Lokali fejn fil-kaz tas-sit l-iehor ma kienx hemm bzonn, is-somma tal-permess kien ta' sitta u erbghin Ewro u sittin centezmu (€46.60) (ara dok JC1) minhabba f'hekk kien hemm bzonn ukoll ta' certifikat ta' Inginier (ara dok JC2) illi ghalhekk jekk dan mexa skont il-ftehim dawn l-ispejjes ma kienux jinqalghu. Ma qabilx mal-kont ghaliex dan ma sarx skont il-ftehim.

L-attur qal li z-zewg scaffoldings kellhom imissu mal-art minhabba l-piz – minhabba l-konkos ta' l-ewwel sular. Il-15 fuq *site* 2 l-*iscaffolding* inqata' minn mal-art u sar *suspended*. Is-*site* l-iehor kien hemm l-iscaffolding sakemm sar il-konkos fuq il-gallerija u mbaghad izzarma, l-i*scaffolding* inzamm sakemm il-klijent jikkonferma mal-bajjad jekk ghandux bzonn dan l-i*scaffolding*. Iz-zewg siti fil-bidu kienu mal-art. Ma qabilx illi l-ewwel li sar huwa sit No. 1 ghax dan ried jaghti l-konkos xi jumejn wara. Rigward tal-kont a fol 2: l-ewwel *item*

jirrigwarda site 1 li ntrama kollu – hames sulari. Item 2: hija c-*charge* ghal bicca li intramat sal-gallerija. Item 3: huma l-ispejjez tac-certifikati ta' l-Inginier taz-zewg siti. Item 4: hija charge talli uzaw l-i*scaffolding* ghax dan l-i*scaffolding* sabuh armat fil-galleriji successivi, uzah il-bennej tal-konvenut.

Ghal-darb ohra t-Tribunal ghandu quddiemu kunflitt fl-verzjoni bejn ix- xhieda ewlienija. It-Tribunal jaghmel referenza ghall-kawza **"Farrugia vs Farrugia"** (P.A. - 24 ta' Novembru, 1966) fejn intqal li:-

*"l-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"George Bugeja vs Joseph Meilak"** (P.A.(TM) - 30 ta' Ottubru, 2003) inghad illi:-

*"Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli".*

It-Tribunal wara li ra l-atti kollha tal-kawza u semgha z-zewg verzjonijiet ihoss illi l-ispjegazzjoni li nghatat mis-Socjeta' attrici hija aktar konsistenti. Illi l-konvenut setgha dejjem

jghid lis-Socjeta' attrici biex izzarma l-i*scaffolding* pero' baqa' juzah u 'nqeda. Ghalhekk it-Tribunal jhoss illi t-talba hija sufficcjentement ippruvata.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa't-talba tas-Socjeta' attrici fis-somma ta' elf u hamsa u tmenin Ewro u tlieta u disghin centezmu (€108,93c) u jichad l-eccezjoni tal-konvenut u dan bl-ispejjez kollha inkluzi fl-avviz u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------